MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 298/2014

**Carmel sive Charles Zammit, George Zammit, Edward Zammit, Catherine Zammit, Joseph Zammit, William Zammit, Mary Spiteri, Doris Grech, Helen sive Eileen Attard, Gordon Zammit u Carmen Zammit**

**vs**

**Josephine Micallef, Paul Micallef, Sonia Mifsud, Godfrey Micallef, Vincent Micallef**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Carmel sive Charles Zammit, George Zammit, Edward Zammit, Catherine Zammit, Joseph Zammit, William Zammit, Mary Spiteri, Doris Grech, Helen sive Eileen Attard, Gordon Zammit u Carmen Zammit li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Permezz ta' Kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino tat-22 ta' Dicembru 1976, missier r-rikorrenti u cioe' il-mejjet Spiridione Zammit, li jigi wkoll in-nannu tar-rikorrent Gordon Zammit, li jigi iben il-mejjet Victor Zammit, akkwista minghand il-kumpannija Coleiro Brothers Limited porzjon ta' art fabbrikabbli li qeghda l-Bahrija fil-limiti tar-Rabat, Malta, formanti parti minn art denominata "l-Kalkara" tal-kejl superficjali ta' tomnejn u cioe' mitejn u hamsin pied il-faccata fuq triq pubblika b'mitt pied fond kif indikata fuq pjanta immarkata bhala "A" ma' l-istess kuntratt, u liema art tmiss mill-majjistral ma' triq pubblika, mix-xlokk ma beni tad-ditta venditrici u mill-lbic ma beni ta' l-istess ditta venditrici, libera u franka, u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha;

L-intimati huma s-sidien ta' zewg proprjetajiet annessi u formanti parti minn bicca art maghrufa tal-Kalkara fil-kontrada tal-Bahrija, limiti tar-Rabat, Malta, u dan kif dikjarat mill-istess intimati fil-kawza fl-ismijiet **Micallef et vs Bonello et** (Citazzjoni Numru 936/04 TM – deciza 12 ta' Ottubru 2006), liema art tmiss mill-majjistral mal-proprjetà ta' l-intimati, u mmarkata bil-kulur ikhal fl-annessa pjanta Dok. "A";

Ir-rikorrenti ghadhom is-sidien ta' porzjon minn din l-art u liema porzjon huwa delineta bil-kulur ahmar fuq l-annessa pjanta mmarkata Dok. "A", u liema porzjon huwa jedd ta'

mghodija impost fuq il-proprjetà tar-rikorrenti stante li l-art proprjetà ta’ l-intimati ma kelliex access ghal triq pubblika;

Dan id-dritt ta’ passagg kien originarjament jibda fuq il-proprjetà tar-rikorrenti, u jkompli fuq l-art proprjetà ta’ l-intimati, u dan sabiex iservi bhala passagg kemm ghall-proprjetà ta’ l-intimati kif ukoll ghall-proprjetà ta’ terzi, u cioe’ Paul Bonello u Paul Mifsud liema proprjetà tinsab adjacenti ghall-proprjetà tal-intimati, liema dritt ta’ passagg gie dikjarat bhala mitmum fuq talba tal-intimati stess fil-kawza **Micallef et vs Bonello et** (Citazzjoni Numru 936/04 TM) permezz ta’ decizjoni tat-12 ta’ Ottubru 2006 li ghaddiet in gudikat;

Il-bazi ta’ tali azzjoni mill-intimati fil-konfront ta’ Bonello u Mifsud kienet peress illi fi kliem l-intimati stess, l-art proprjetà ta’ Bonello u Mifsud issa hija accessibbli minn triq pubblika, u cioe’ Triq ta’ Namura, u ghaldaqstant, il-proprjetà tal-intimati ma kellhiex ghalfejn tkun mghobbija iktar bis-servitu ta’ passagg favur il-proprjetà ta’ Bonello u Mifsud;

Stante dak suespost, u cioe’ li l-art proprjetà ta’ l-intimati illum il-gurnata hija accessibbli minn Triq in-Namura, il-proprjetà tar-rikorrenti m’ghandhiex ghalfejn tkun mghobbija iktar b’din is-servitu ta’ passagg favur il-proprjetà tal-intimati;

Stante dan kollu, l-intimati ghadhom jippretendu li ghandhom jibqghu igawdu mid-dritt ta’ passagg fuq il-proprjetà tar-rikorrenti;

Minkejja li gew interpellati kemm il-darba, inkluz tramite ittra ufficcjali tas-sebgha (7) ta’ Frar 2014, sabiex huma formalment jirrinunzjaw ghal tali dritt ta’ passagg, l-istess intimati baqghu inadempjenti.

Intalbet lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-jedd ta’ mghodija fuq il-proprjetà tar-rikorrenti jintemm;

2. Tordna lill-intimati sabiex jieqfu juzaw il-proprjetà tar-rikorrenti bhala passagg;

Bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

Rat in-nota ta’ Paul Micallef, Sonia Mifsud, Godfrey Micallef u Vincent Micallef li permezz taghha huma ammettew it-talbiet kif dedotti.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur.

L-ispejjez jithallsu mill-intimati.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------